# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 76

## IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 76

It-Tlieta 8 ta' Novembru 2016

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manche – Sindku Gżira
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Andre Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

ASSENTI
*Ħadd*

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

76.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai u tas-Sur Stephen Sultana u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

76.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 75 li saret nhar l-Erbgħa 5 t'Ottubru 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

76.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mis-SIndku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli.

## 76.3 Komunikazzjoni mill-President

76.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li kellu l-ġurnata ta' qabel mal-Ministru Hon. Owen Bonnici rigward il-LESA. Il-President ġie infurmat li l-Aġenzija spiċċat b'*surplus* ta' €800,000.00 sa Settembru 2016 u kien hemm qbil dwar kif dan is-*surplus* ser jitqassam. Mit-total ta' €800,000.00, 10% ser imorru lill-Assoċċjazzoni tal-Kunsilli Lokali; 30% ser imorru għand ir-Reġjuni u l-kumplament ser imorru għand il-Kunsilli Lokali – fejn 50% imorru ugwali bejn il-Kunsilli Lokali u l-50% l-oħra jitqasmu skond l-post ta' fejn tkun inħarġet il-kontravenzjoni.

76.3.2 Is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li d-dħul miċ-ċitazzjonijiet li jinħarġu dwar pussess ta' droga ser imur għand Caritas.

76.3.3 Il-President, is-Sur Fenech Adami, nforma lill-membri dwar l-email li kienet intbagħatet ftit tal-ġranet qabel fuq il-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu mal-Guard and Warden Services Ltd.

76.3.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif dan ir-Reġjun huwa l-unika Reġjun li skada u li minħabba din ir-raġuni, ir-Reġjun qed jiġi mitlub sabiex il-kuntratt jiġi estiz b'sena.

76.3.5 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex il-kuntratt jiġi estiż b'sena abbażi li jkun hemm kundizzjoni fejn tgħid li r-Reġjun mhux ser ikun responsabli jekk tinqala *liability.*

***6:00pm – Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, wasal għal din il-laqgħa.***

76.3.6 Il-President, is-Sur Michael Feech Adami, informa lill-membri dwar ċirkulari numru 36/2016 mibgħuta mid-DLG, fejn speja l-importanza sabiex tintbagħat ittra uffiċċjali qabel il-laqgħa jekk membru ma jkunx jista' jkun preżenti fil-laqgħat tar-Reġjun.

76.3.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ġibed l-attenzjoni dwar e-mail mid-DLG dwar il-prezz ġdid tar-Reġistru Elettorali li jinxtara mir-Reġjun darbtejn fis-sena.

76.3.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda e-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' l-Iklin dwar talba għall-approvazzjoni sabiex tiġi nstallata speed camera ġewwa Triq il-Wied, l-Iklin.

76.4.8 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, spjega fid-dettal is-sitwazzjoni f'din it-Triq.

76.4.9 Il-membri qablu unanimament din it-talba u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-Kunsill Lokali ta' l-Iklin dwar x'dokumenti għandhom jiġu preparati mill-Kunsill u preżentati kemm lir-Reġjun kif ukoll lill-LESA.

## 76.4 Aġġornament fuq il-BYE-LAWS

5.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar it-tielet laqgħa li kienet saret nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sur Stefan Cordina; is-Sur Paul Radmilli; is-Sur Dominic Cassar; is-Sinjura Rita Borg; is-Sur Neville Cetchuti; is-Sur Andre Grech; u s-Sur Guido Dalli, flimkien ma' l-avukat Dott. Richard Sladden u s-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun.

5.4.2 Wara li saret diskussjoni kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex l-avukat jaħdem fuq żewġ BYE-laws mill-lista ta' bye-laws li kienu ġew proposti u għandha terġa tissejjaħ laqgħa oħra 'l quddiem.

## 76.5 Impjieg ta' Persuna b'Diżabilita' mill-ETC

76.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru 2016 kienet saret laqgħa ta' informazzjoni dwar l-proċess sabiex jiġi impjegat persuna taħt l-iskema CIES. B'kollox applikaw tnax-il persuna u sar process ta' *short-listing* tal-kandidati.

76.5.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2016, il-bord iltaqa' sabiex saru l-intervisti. Kien hemm qbil bejn il-membri li l-aktar persuna adekwata kienet Ms. Sandrine Faye Pace. Il-Bord għamel preferenza fuq il-kandidati l-oħra jekk is-SInjura Pace ma tilqax din is-sejħa. Dan ir-Reġjun informa lis-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina kif ukoll lir-rapreżentant tal-Jobsplus dwar din id-deċizjoni.

76.5.3 Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2016, dan ir-Reġjun ġie nfurmat li n-nomazzjoni ġiet milquha u li s-Sinjura Pace tista' tibda' l-impjieg tagħha nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2016. Is-Sinjorina Pace ikkonfermat u ser tibda nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2016.

## 76.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

76.6.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 76.7 Rapporti

76.7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden lill-Accountant ta' dan ir-Reġjun, lis-Sur Daniel Galea, sabiex jidħol fil-kamra u jippreżenta l-*Quarterly Financial Statements* sa Settembru 2016.

76.7.2 L-Accountant, is-Sur Daniel Galea, spjega r-rapport u wara mistoqsijiet ta' klarifikazzjoni mressqa mill-membri preżenti, ir-rapport ġie approvat.

76.7.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Galea u tkompliet id-diskussjoni dwar tqassim tal-flus bejn il-Kunsilli Lokali taħt dan ir-Reġjun.

76.7.4 Kien hemm qbil li fl-iskeda tal-pagamenti tax-xhar li jmiss, għandu jitqassam €300,000.00 bejn il-Kunsilli Lokali wara li jkunu tnaqqsu l-ispejjez ta' l-avukat.

***6:25pm -Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina talab li jkun skużat mill-laqgħa.***

***6:26pm – is-Sindku tal-Pieta' telaq mill-kamra.***

## 76.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun Ċentru li jkunu meħtieġa

76.7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li l-ikla tal-Milied ser issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016. Kif kien miftihem fil-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv irċiviet r-rakkomandazzjonijiet tal-membri u ġabret kwotazzjonijiet biex tiġi approvata f'din il-laqgħa. Din l-ikla ser tkun għal membri li ta' kull xhar j'attendu l-laqgħat tar-Reġjun kif ukoll lill-istaff amministrattiv, iż-

żewġ ħaddiema ta’ l-RSSL, l-accountant is-Sur Daniel Galea, kif ukoll il-prosekuturi – Dott. Richard u Dott Sandra Sladden.

76.7.2 Wara li ġew evalwati l-kwotazzjonijiet, kien hemm qbil li l-ikla għandha issir il-Victoria Hotel.

76.7.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar tiżjin tal-Milied għall-uffiċċju amministrattiv.

76.7.4 Għal din ir-raġuni ressaq kwotazzjoni mingħand Acroline Ltd. sabiex jinxtraw tiżjin tal-Milied (Imsida)

76.7.5 Kien hemm qbil dwar dan.

76.7.6 Il-president, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li għandha bżonn tinxtara cabinet bil-kxaxen sabiex tkun tista’ tintuża mis-Sinjorina Sandrine Pace. Ghal din ir-raġuni ser tinxtara cabinet mingħand Bonds għal prezz ta’ €190.00.

76.7.7 Kien hemm qbil dwar dan.

76.7.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq l-mejda tliett kwotazzjonijiet sabiex isir Kors tal-First Aid lill-impjegat/a f’kull Kunsill Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun, flimkien ma’ impjegat/a oħra mill-impjegati tar-Reġjun.

76.7.9 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex il-Kors isir mingħand l-A.M.E. Health & Safety Services Ltd.

76.7.10 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ser tinforma lil kull Kunsill Lokali bid-dati, ħin u post dwar dan il-kors.

76.7.11 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qajjem il-punt dwar is-sistema tal-permessi mingħand il-Kumpanija Lornit.

76.7.12 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex is-sistema tiġi implimentata f’kull Kunsill Lokali taħt dan ir-Reġjun.

76.7.13 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informal ill-membri dwar l-ikla tal-Milied li ser issir nhar il-Ġimgha 16 ta’ Diċembru 2016. Għal din ir-raġuni nġbaru kwotazzjonijiet u dawn ġew imressaqa fuq il-mejda.

76.7.14 Il-membri qablu li l-ikla għandha ssir fil-lukanda Victoria, tas-Sliema

## 76.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

76.8.1 Is-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mill-Kunsillier ta’ tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 74A u 74B.

76.8.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

***6:39pm – is-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

## 76.9 Mozzjonijiet

76.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 76.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

76.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:55pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 6 ta' Diċembru 2016 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' Diċembru, 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |